**7 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Marco Spiteri

*versus*

Carmel Bonnici

**Talba għar-Revoka ta' Mandat ta' Qbid - Żball fl-Okkju tal-Kawża**

*Huwa l-okkju tal-kawża li jiddetermina min huma l-partijiet. Żball fl-okkju ma jiġix issanat billi min ikun ġie indikat hażin ikun deher fil-kawża. Meta l-persuna esekutata fil-mandat ta' qbid ma tkunx l-istess waħda indikata bħala konvenuta fis-sentenza huwa ġust li l-Qorti tippronunzja l-mandat null u tirrevokah.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 1996 li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Peress illi ġie esegwit mandat ta' qbid, maħruġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jġib in-numru 1884/93, maħruġ mill-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti;

Peress li l-istess mandat ġie esegwit kontra l-liġi u dan peress li dan mhux kollazzjonat mas-sentenza uffiċjali, li kopja tagħha qed tiġi esebita, li manifestament għandha isem ta' "Mario Spiteri" meta l-esekutat huwa "Marco Spiteri" u tali żball ma ntalbet l-ebda korrezzjoni tiegħu fl-okkju skond kif trid il-liġi fl-artikolu 825 tal-Kap. 12;

Peress li għalhekk l-istess mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ u għandu jiġi rrevokat;

Għalhekk l-attur talab li l-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tirrevoka l-mandat ta' qbid, maħruġ mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili, li jġib in-numru 1884/93 u dan peress li l-istess mandat li dan mhux kollazzjonat mas-sentenza uffiċjali, li kopja tagħha qed tiġi esebita, li manifestament għandha isem ta' "Mario Spiteri" meta l-esekutat huwa "Marco Spiteri" u tali żball ma ntalbet l-ebda korrezzjoni tiegħu fl-okkju skond kif trid il-liġi fl-artikolu 825 tal-Kap.12;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn ġie sottomess illi t-talba attriċi hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi s-sentenza li a skorta tagħha ġie maħruġ il-mandat ta' qbid *de quo* ingħatat fil-konfront ta' Marco Spiteri (attur odjern) u fil-parti deċiżiva tagħha (kif ukoll fil-korp ta' l-istess sentenza) Marco Spiteri ġie kkundannat iħallas lill-eċċipjent l-ammont irreklamat fil-mandat u illi ma hemm ebda żball fl-identita tal-persuna billi kien l-attur odjern li deher bħala konvenut fil-kawża li a skorta tad-deċiżjoni tagħha nħareġ il-mandat *de quo* u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Mid-dokumenti esebiti jirriżultaw is-segwenti fatti:

B'sentenza tat-8 ta' Jannar, 1993 fl-ismijiet **Carmel**

***Bonnici vs Alfred Spiteri bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Marco Spiteri u Spiridione Zammit***, u b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar, 1990 ġie trasfuż minn fuq Alfred Spiteri għal fuq ibnu issa maġġorenni Mario Spiteri" din il-Qorti kkundannat "lill-konvenut Marco Spiteri" iħallas lill-attur somma ta' flus in linea ta' danni;

Fit-30 ta' Awissu, 1993, il-konvenut Carmel Bonnici, li kien attur fil-kawża fuq indikata, ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid numru 1884 kontra "Marco Spiteri bin Alfred I.D. Card No. 472170(M)";

L-attur Marco Spiteri qed isostni illi l-imsemmi mandat ta' qbid huwa null u għalhekk għandu jiġi rrevokat. Huwa qed isostni li l-istess mandat ma ġiex kollazzjonat mas-sentenza u ċjoè fl-okkju tas-sentenza fuq indikata l-konvenut huwa indikat bħala "Mario Spiteri" meta fil-mandat ta' qbid, li huwa mandat esekuttiv in konsegwenza ta' l-istess sentenza, l-esekutat huwa indikat bħala "Marco Spiteri";

*Mir-riżultanzi fuq indikati jidher illi l-kawża deċiża bl-*imsemmija sentenza tat-8 ta' Jannar, 1993 bdiet kontra Alfred Spiteri bħala rappreżentant ta' ibnu minuri Marco Spiteri. Fil-mori tal-kawża l-imsemmi minuri sar maġġorenni u in konsegwenza ta' digriet tal-Qorti l-istess kawża ssoktat kontra "Mario Spiteri". Fl-okkju tal-kawża isem il-konvenut ġie indikat erronjament bħala "Mario" minflok "Marco". Għalhekk *jirriżulta li minħabba żball evidenti* s-sentenza ġiet *mogħtija fil-*konfront ta' "Mario Spiteri" u hekk ukoll ġiet rreġistrata l-istess sentenza. Jirriżulta inoltre illi la qabel u lanqas wara l-istess sentenza ma ġiex mitlub li jiġi korrett l-iżball in kwistjoni. Il-konvenut f'din il-kawża, wara l-imsemmija sentenza, naqas li jitlob li jiġi korrett l-imsemmi żball *ai termini* ta' l-artikolu 825 tal-Kap. 12;

Il-konvenut qed isostni li ma hemmx dubbju li s-sentenza nghatat fil-konfront ta' Marco Spiteri peress li hemm referenza ghal "Marco Spiteri" kemm fil-korp tas-sentenza kif ukoll fil-parti deċiżiva tas-sentenza. Inoltre, il-konvenut isostni li ma hemm ebda żball fl-identità tal-persuna. Dan kollu però huwa rrilevanti peress huwa l-okkju li jiddetermina min huma l-partijiet fil-kawża;

Fl-okkju, kif ġà ġie rrilevat, hemm żball evidenti, però, f'din il-kawża ma jista' jsir xejn sabiex jitneħħa l-iżball in kwistjoni, anke jekk l-iżball huwa żvista żgħira u huwa evidentement żball tal-pinna. Kif ġà ġie ritenut il-Qorti "ma tistax ħlief ineżorabbilment tħares lejn dik is-sentenza bl-iżball b'kollox" (*vide* Appell Ċivili - **Charles Grixti** ***vs*** **Salvino Schembri** ***et***, 11 ta' April 1958). In effett is-sentenza hekk irreġistrata bl-iżball b'kollox, hi l-unika prova awtentika ta' l-istess sentenza (*vide* l-artikolu 61 (1) tal-Kap.12). Fiċ-ċitata sentenza ġie ukoll ritenut illi "żball fl-isem jew fil-kunjom ta' waħda mill-partijiet f'sentenza li ma jkunx ġie jew ma jistax jiġi korrett bil-mezzi li toffri l-liġi, jinduċi n-nullità tagħha" (*vide* ukoll App. Ċivili **Psaila** ***vs*** **Conner**, 28 ta' Frar, 1958);

Il-kwistjoni mhix lil min għandu jiġi allokat l-iżball. Dan huwa immaterjali u rrilevanti. Il-fattur importanti hu li effettivament hemm żball u li l-kawża ġiet deċiża fil-konfront ta' persuna li għandha isem ieħor minn dak ta' l-esekutat fil-mandat;

Għal dawn il-motivi kollha:

Tiddeċidi billi, fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikjara l-mandat ta' qbid numru 1884/93 bħala null u konsegwentement tirrevoka l-istess mandat;

Spejjeż kontra l-konvenut";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-26 ta' April, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant u tiċħad it-talba ta' l-attur appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur li biha huwa espona li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-aggravji tal-konvenut appellant huma s-segwenti:

"Illi meta l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha, kienet għamlet appezzament skorrett tal-fatti kif jirriżulta ċar mill-istess sentenza. Dana peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sfortunatament injorat kemm dak li hemm miktub fl-okkju tas-sentenza mogħtija fil-kawża oriġinali, kif ukoll dak li hemm fil-korp tas-sentenza mogħtija fil-kawża oriġinali;

Fil-verità, Marco Spiteri jirriżulta ċitat kemm fl-okkju ta' l-imsemmija ċitazzjoni u jirriżulta ukoll tenut responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li jifforma l-meritu ta' l-ewwel kawża, kif ukoll ikkundannat li jħallas lill-appellant, in linea ta' danni, somma li ġiet illikwidata f'dik il-kawża;

Illi l-iżball li sar kien meta l-ġudizzju ġie ddikjarat trasfuż f'isem Marco Spiteri. F'dan l-istadju, Marco Spiteri ġie indikat bħala "Mario Spiteri", iżda, minn eżami preċiż ta' l-istess okkju, jirriżulta kif ġej:

**Carmel Bonnici *vs* Alfred Spiteri bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Marco Spiteri, u Spiridione Zammit, u b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar, 1990, ġie trasfuż minn fuq Alfred Spiteri għal fuq ibnu, issa maġġorenni Mario Spiteri;**

L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-eċċezzjonijiet u sussegwentement anke s-sottomissjonijiet magħmula mill-esponent appellant, "huma rrilevanti peress illi huwa l-okkju li jiddetermina min huma l-partijiet fil-kawża";

Jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi s-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1993, fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Bonnici *vs* Alfred Spiteri *nomine et*** (Ċitaz. 99/87 PA) ma kinitx tagħmel stat bejn il-partijiet għall-mandat ta' qbid meritu ta' l-istanza preżenti - ċjoè li ma kinitx tagħmel stat bejn Carmel Bonnici u Marco Spiteri;

F'dan ir-rigward l-esponent appellant jissottometti illi, ta persuna tkun ġiet innotifikata jew altrimenti aċċettat tali tifika anke jekk indirettament, b'att ippreżentat kontra għha, fejn l-isem tagħha jkun indikat ħażin, ma tistax alhekk biss tippretendi illi s-sentenza mogħtija f'dawk il-ċeduri ma tagħmilx stat di fronti għaliha, anzi li hija nulla, k ma hemmx dubbju dwar l-identità tagħha, liema identità ta' tirriżulta mhux biss mill-indikazzjoni tal-lok fejn toqgħod v fejn taħdem, iżda ukoll minn kull indikazzjoni oħra li tista' rvi għal tali identifikazzjoni;

*Fil-każ in eżami*, l-appellat Marco Spiteri, fil-kawża preċedenti fl-ismijiet **Carmel Bonnici *vs* Alfred Spiteri *nomine et***, mhux biss daħal fil-kawża personalment, wara t-trasfuzjoni tal-ġudizzju, iżda attenda almenu tmien darbiet f'seduti quddiem il-Perit Legali, fejn dejjem ġie deskritt bħala "konvenut" u partikolarment fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 1991, xehed bħala "konvenut" f'dik il-kawża u reġa' għamel l-istess *fil-5 ta' Diċembru, 1991, fejn xehed bħala konvenut u ppreżenta* affidavit. Fis-seduti l-oħra kollha li attenda wara li saret it-trasfuzjoni tal-ġudizzju, dejjem ġie indikat bħala l-konvenut Marco Spiteri, u mhux biss qatt ma qajjem ebda oġġezzjoni dwar dan, anzi taċitament aċċetta l-posizzjoni tiegħu bħala konvenut f'dik il-kawża;

*Inoltre, jekk tali indikazzjoni ħażina titqies bħala li* tikkostitwixxi xi vjolazzjoni ta' forma, il-persuna interessata ma tistax tinvoka n-nullità ta' l-atti, jekk hi ma tkun għamlet xejn biex timpedixxi l-iżball, imma mhux biss tkun aċċettat l-atti bl-isem ħażin, iżda tkun ħadet parti fil-proċeduri kollha u dehret fil-kawża mingħajr qatt ma ssollevat li l-isem tagħha fil-proċeduri huwa indikat ħażin; għalhekk hija stess tkun tat kawża għal *tali nullità* u ħadd *ma jista' jibbenefika mill-aġir doluż* tiegħu;

Bl-atteġġjament tagħha fuq imsemmi, tali persuna tiġi li rrinunzjat taċitament għan-nullità minnha pretiża in segwitu;

It-trasfuzjoni ta' l-atti fil-kawża pendenti saret fis-16 ta' Frar, 1990. Sussegwentement għal tali trasfuzjoni, l-appellat Marco Spiteri (il-konvenut f'dik il-kawża) deher għal seduti, aċċetta l-istat tiegħu ta' konvenut - kif ġie indikat kull darba li deher għal seduti u aċċess - u anke xehed quddiem il-Perit Legali, Dr. Porsella Flores, liema xhieda hu ta fil-vesti ta' konvenut;

Kif jirriżulta mill-atti ta' l-ewwel kawża, matul l-istess seduti (li baqgħu jsiru sa l-10 ta' Settembru, 1992), Marco Spiteri qatt ma ssolleva ebda ilment li ismu kien indikat ħażin fit-tieni parti ta' l-okkju tal-kawża, iżda aċċetta li hu kien il-konvenut fil-kawża u attenda għal kull seduta f'dik il-vesti;

L-ilment ta' l-appellat Marco Spiteri ġie ssollevat biss ferm wara, ċjoè wara illi fil-11 ta' April, 1995, ġie esegwit il-mandat ta' qbid illi nħareġ kontra tiegħu a bażi ta' dik is-sentenza;

Kull darba li l-istess appellat issejjaħ biex jidher matul il-kawża preċedenti (Ċitaz. 99/87 PA) deher u b'danakollu qatt ma għamel ebda protest jew b'xi mod żamm xi riserva ta' drittijiet favur tiegħu, minħabba li ismu kien indikat ħażin;

Awtomatikament hawnhekk isir applikabbli s-subinċiż 2 ta' *l-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura* Ċivili";

L-attur appellat issottometta *inter alia* illi:

"L-Ewwel Onorabbli Qorti m'għamlet l-ebda apprezzament skorrett tal-fatti. L-okkju tal-kawża huwa dak li hu u ma jistax jingħad illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ratx dak li kien hemm miktub fis-sentenza oriġinali fejn indikat li l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Mario Spiteri. Il-kliem li kien hemm indikat fl-okkju ta' qabel illi t-tifel minuri kien Marco Spiteri ma jbiddel xejn għaliex il-persuni anteċedenti nqalgħu 'l barra u bid-digriet tas-16 ta' Frar, 1990, il-ġudizzju kompla f'isem Mario Spiteri skond is-sentenza. Għalhekk kellha raġun tgħid l-Ewwel Onorabbli Qorti "li huwa l-okkju li jiddetermina min huma l-partijiet fil-kawża". Dan tant huwa hekk li jekk fis-sede t'appell l-okkju ma jiġix ikkuppjat preċiż skond is-sentenza

hemm in-nullità ta' dak l-appell. L-istess prinċipju japplika għal dan il-każ;

Il-proċeduri kollha li saru quddiem il-Qorti minn wara li ġie trasfuż il-ġudizzju 'l quddiem ma jbiddlu xejn mill-posizzjoni finali ta' kif ħarġet is-sentenza. Is-sentenza *ċertament ma kitibhiex Marco Spiteri jew Mario Spiteri*. Dak kien l-istat li kienu fis-sentenza meta kien diġà għadda l-istadju ta' kull eċċezzjoni;

Il-konvenut appellant qiegħed jagħmel ħafna argumenti minn x'ġara fl-ewwel kawża. Dan huwa kollu rrilevanti għaliex ir-rimedju tiegħu kien dak indikat skond l-artikolu 825 tal-Kap. 12, illi jitlob il-korrezzjoni relattiva;

L-argumenti ta' l-appellant dwar in-nullità li għandha tiġi eċċepita u speċjalment l-artikolu 789 (2) mhux applikabbli għall-każ. L-esponenti mhuwiex qed iqajjem eċċezzjoni li tippreżumi li hemm proċess ċivili għaddej kontra tiegħu u hu jiddefendi ruħu. Dawk huma l-eċċezzjonijiet. F'dan il-każ li qed jintalab u li ġie milqugħ mill-Qorti huwa nullità ta' mandat illi qed isir b'kawża *ad hoc* u fil-mandati m'hemmx kwistjoni ta' eċċezzjonijiet x'wieħed jippreżenta";

Ikkunsidrat:

Illi għandu l-ewwelnett jiġi ppreċiżat li l-azzjoni odjerna hija biex jiġi rrevokat mandat ta' qbid maħruġ in esekuzzjoni ta' sentenza. It-talba mhix biex tiġi ddikjarata nulla s-sentenza in kwistjoni;

Illi ma hemmx dubbju li fl-okkju tas-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1993 li tagħha intalbet l-esekuzzjoni bil-mandat ta' qbid, l-isem tal-persuna li f'isimha ġie trasfuż il-ġudizzju bħala

wieħed mill-konvenuti huwa indikat bħala "Mario" minflok "Marco" Spiteri, filwaqt li huwa minnu ukoll li fil-korp tas-sentenza ġie kkundannat "Marco" Spiteri;

Illi kif sewwa qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa l-okkju tal-kawża li jiddetermina *min huma l-partijiet fil-kawża. Mhux* rilevanti għall-kawża odjerna li jiġi stabbilit ta' min hu t-tort li sar l-iżball fl-okkju tal-kawża. L-iżball żgur li ma sarx mill-attur odjern u fil-fehma ta' din il-Qorti huwa fl-interess ta' kull *attur li jassigura li ma jkunx hemm żbalji fl-atti. Però, anke* kieku kellu jiġi konċess, għall-grazzja ta' l-argument, li l-konvenut kien missu rrileva l-iżball, dan ma jbiddilx il-fatt li l-okkju jirriferixxi għall-konvenut "Mario" u mhux "Marco" Spiteri. Lanqas ma jissana l-iżball il-fatt li l-appellat kien deher fil-kawża għaliex m'hemmx dubbju, kif jidher mill-okkju, kif kien qabel saret it-trasfużjoni, li l-konvenut kellu jkun "Marco" u mhux "Mario" Spiteri, iżda ġara li meta saret it-trasfużjoni sar l-iżball fl-isem u s-sentenza ngħatat f'dak l-iżball fl-okkju;

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal fis-sentenza appellata li l-kwistjoni mhux lil min għandu jiġi attribwit l-iżball. Dan huwa immatejali u rrilevanti. Il-fattur importanti hu li effettivament hemm żball u li l-kawża ġiet deċiża fil-konfront ta' persuna li għandha isem ieħor minn dak ta' l-esekutat fil-mandat. Ma jistax jingħad li s-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1993 ġiet ippronunzjata bejn l-istess partijiet tal-mandat ta' qbid in kwistjoni. Il-persuna esekutata fil-mandat in kwistjoni mhix l-istess persuna li tidher bħala konvenut fis-sentenza. Imbagħad is-sentenza appellata ġustament ikkonkludiet li l-mandat għandu jiġi kkunsidrat null u għandu jiġi rrevokat;

Din il-Qorti ma ssib xejn x'tikkritika fis-sentenza appellata u ma tikkunsidrax fondati l-aggravji dedotti mill-

appellant;

Għal dawn il-motivi, u dawk tas-sentenza appellata, tiddeċidi billi tiċħad bħala infondat l-appell tal-konvenut u konsegwentement, tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.